MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Numru. 715/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Victor Aquilina**

**VS**

**Steve Bazine, iben Mohammed u Joan nee' Camenzuli, imwieled Tal Pieta' nhar is-17 ta' Jannar, 1992, residenti fil-fond numru 64, Flat 8, Triq ix-Xitwa, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 72992M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Steve Bazine** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Gunju, 2011 u fix-xahrejn ta' qabel:

a. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jittraffika jew ibiegh id-droga (ecstasy), u/jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoccjazzjoni;
b. U aktar talli ttaffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh, jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-Disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985 kif emendati;
c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, liema droga nsabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Gunju, 2011, u fil-hames xhur ta' qabel:

d. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Gunju, 2011 u fit-tminn xhur ta' qabel:

e. Kellu fil-pussess tieghu d-droga (kokaina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat, f'dan l-istadju tal-proceduri, iddikkjara li ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali kemm taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi aktar tard fil-mori tal-procedurim maghluqa x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ghazel illi fl-ewwel lok jitlob li jigi redatt Social Enquiry Report li fil-fatt gie hekk redatt u prezentat mill-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri bhala Dok SF; u wara ghazel illi jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif migjuba kontra tieghu – dan wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Innutat ukoll il-Qorti, illi anke widdbet lill-istess imputat darba li ammetta, illi nonostante s-suggerimenti li kienu qed isiru Lilha dwar il-piena, Hija qatt ma kienet marbuta mal-istess.

Nonostante l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti xorta ser tghaddi biex tezamina l-atti, anke biex tara u tivvaluta x'inhi l-ahjar u dik il-piena idonea li ghandu jinghata.

Rat ghalhekk illi **<u>PS 579 Antoine Micallef, PS 1044 Gordon Calleja, PC 1348 Joseph Campbell, PC 279 Kevin Gauci</u>**, xehdu li waqqfu lil Terence Cini fil-vettura li hu kien qieghed isuq – Peugeot hamra AAT270. Mieghu kellu lil

Steve Bazine – l-imputat. Saret tfittxija fuq is-Sur Bazine minn **PS 579 u PC 1348**, u sabu zewg mobile phones. **PS 1044** zied illi gew elevati, barra l-mobile phones, flus kif ukoll mija u hamsin (150) pillola suspettati ecstasy – dawn minn fuq il-persuna ta' Terence Cini.

**PS 279 Kevin Gauci** aktar tard iccara li l-ammont ta' flus elevati minn fuq Bazine kien ta' mitejn u erbghin Ewro (€240).

Fir-rigward tal-vettura - u dan qieghed jinghad minhabba l-ammissjoni u l-konfiska, irrizulta mix-xhieda ta' Stephen Cachia f'isem Transport Malta, illi din kienet registrata fuq certu Brandon Bugeja mid-9 ta' Settembru, 2011. Ma ngabet ebda prova ta' min kienet din il-vettura fiz-zmien tal-akkuza.

Rat ukoll illi dwar dan saret Inkjesta u ghalhekk gie ezebit id-debita Proces Verbal relattiv. Gew ezebiti wkoll ir-rapporti tal-esperti hekk mahtura.

B'mod partikolari l-Qorti rat ir-relazzjoni Dok KG, ghalhekk ir-ritratti tal-oggetti maqbuda; ir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, Dok MB (hawn wiehed anke jista' jara li l-imputat huwa hemm riferut bhala Steve Qormi); rat ukoll ir-relazzjoni ta' Godwin Sammut li kkonkluda hekk:

"

*Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati li hemm fid-dokumenti 152_11_01 u 152_11_02 instabet is-sustanza 3,4-**Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)**. In-numru total ta' pilloli kien ta' 1,006. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tieled Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-prezz tal-ecstasy huwa ta' €9.6 kull pillola (ara Appendici I). In-numru ta' pilloli kien ta' 1,006 li jaghti valur ta' €9,957.60.*"

Qieset f'dan ir-rigward l-ammont ta' pilloli misjuba fil-vettura misjuba minn Cini kienu mija u hamsin (150), u dak li ghalih ammetta li biegh l-imputat – mija (100) fl-istqarrija tieghu, b'dan illi l-ammont imsemmi fir-relazzjoni jirrelata ghal sejba ta' droga misjuba fil-fond ta' Terence Cini.

Illi rat ukoll ix-xhieda guramentata ta’ Steve Bazine. Rat anke li a bazi ta’ dan, l-Ufficjal Prosekutur anke ddikkjara li dan kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ghalhekk illi fl-istess xhieda guramentata tieghu, huwa ammetta li kien ilu jbiegh pilloli ecstasy ghal madwar sentejn (2) – biegh skont il-kalkoli tieghu mitt (100) wahda.

Rat ukoll illi ammetta ghat-tehid, pussess semplici ta’ “smoke u coke”.

Ghaldaqstant, in vista’ tal-ammissjoni tieghu, qieghda ssib htija wara li rat it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-Artikoli 40A, 120A, 120A(1A)(1B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Avviz Legali 22/1985 (L.S. 31.18); Ir-Raba’ (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; GN 292/1939; l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet li saru dwar l-istess;

Ikkonsidrat ukoll dak redatt fis-Social Inquiry Repott, kif ukoll l-eta’ tal-imputat fi zmien tar-reati; anke l-progress illi kif dikjarat hu ghamel sal-lum;

Ikkonsidrat ukoll illi l-imputat instab hati ta’ xejn anqas minn assocjazzjoni u traffikar, u ghalhekk tqis illi l-piena idonea ghandha tkun dik karcerjarja ta’ tlitt(3) snin;

Tikkundannah ukoll ghal multa fl-ammont ta’ sitt elef Ewro (€6,000);

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontati ghal elf tminn mija u tlettax-il Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€1,813.44).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------